MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 286/2000

**Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 326 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**
**Vs**

**CHRISTOPHER GAUCI**
**VICTOR ZAMMIT**
**WALLACE FINO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **CHRISTOPHER GAUCI**, ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Josue u Georgina nee Xerri, imwieled San Giljan nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru 1975 u

residenti Windsor Towers, 11, Triq Windsor Terrace, Sliema, detentur ta’ karta tal-identita` numru 19776M, **VICTOR ZAMMIT**, ta' wiehed u hamsin sena, bin Joseph u Agnes nee Attard, imwieled B'Kara nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 1949 u residenti Blue Roses, Qasam San Anton, H'Attard, detentur ta’ karta tal-identita` numru 783349M u **WALLACE FINO** ta' tlieta w tletin sena, bin Lawrence u Carmen nee Mallia, mwieled Tas Sliema nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 1968 u residenti 10/6, Freemond Court, Triq Ghar il-Lembi, Sliema, detentur ta’ karta tal-identita` numru 218168M gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-hamsa ta' Ottubru 2000 u matul is-snin precedenti, bhala d-Diretturi tal-Price Club Operators Limited, B'Kara, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, kkommettew serq ta' kurrent elettriku minn meters tad-dawl li jinsabu fil-Price Club Supermarket ta' Triq Hal Luqa, Rahal Gdid, li l-valur jeccedi l-elf lira maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamlu hsara fil-makkinarju u/jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkagunaw telf ta' kurrent elettriku jew ghamlu hsara jew kissru xi parti minn xi meter jew meters tal-elettriku jew is-sigilli taghhom, jew xi makkinarju iehor u cioe l-meter cubicle jew xi parti minn xi apparat iehor jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew s-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvediment tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmintax ta' April 2002 esibiti fl-atti a fol 227.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod volunatarju u dan fis-seduta tat-tlieta ta' Frar 2003 u dan wara li kienu

ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' April 2003.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-Pulizija rceviet rapport nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000 minghand Mario Cassar bhala rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li wara li kien ghamel spezzjoni fil-fond 'Price Club Supermarket', Triq Hal Luqa, Rahal Gdid, kien sab li l-arlogg tad-dawl tal-marka Ganz kellu s-sigilli neqsin u li l-cover kien imkisser, kif wkoll meter cubicle li kienet tinsab fil-basement fl-iswitch room tal-istess stabbiliment li kellha s-sigilli foloz u l-arlogg tad-dawl tal-marka Schlumberger kellu zewg sigilli foloz.

Fuq dan r-rapport il-Magistrat Inkwerenti kienet innominat nhar l-ghaxra ta' Ottubru 2000 lil certu Horace J. Anastasi bhala espert tekniku sabiex jindaga fuq il-kaz u jirrelata lura lil Qorti u fil-fatt nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001, kif jirrizulta a fol 95 tal-atti, dan l-espert ikkonferma r-relazzjoni tieghu.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni li tinsab esibita fl-atti a fol 32 u mmarkata bhala dokument HJA jirrizultaw s-segwenti:

1. Li l-imputati huma d-diretturi tas-socjeta Price Club Operators Limited li huma responsabbli ghat-tmexxija tal-fond fuq indikat Price Club Supermarket, Triq Hal Luqa, Rahal Gdid;
2. Illi f'dan il-fond kien hemm zewg arloggi tad-dawl li qeghdin fl-ewwel sular ta' taht l-pjan terren;
3. L-ewwel arlogg tad-dawl kien imwahhal ma njama kif muri fid-dokument HJA 4 anness mal-inkjesta, hu single phase, commercial, tal-marka Schlumberger bin-numru tas-serie 828888 u kien qed jaqra 16840 units.

Ma dan l-arlogg ma kien hemm l-ebda sigill ghalkemm suppost kellu mal-ghata ta' taht l-arlogg zewg sigilli homor numru 0384337 u 0384939 u sigill celesti numru 039005, u mas-service box zewg sigilli kannella 0450465 u 0449088.
It-tally plate tieghu kien mghawweg u l-ghata imqaccta minn naha ta' isfel u kien qed jzomm mal-viti ta' fuq biss.
4. Illi l-arlogg tad-dawl l-iehor kien fil-cubicle kif muri fid-dokument HJA 5 anness mal-inkjesta.
Illi s-sigill tan-naha ta' fuq numru 0019764 kien maqlugh.
Dan hu tal-ghamla Schlumberger, three phase, commercial, numru tas-serie 92-805657 u kellu 641510 units registrati fuqu.
Illi l-gasket ta' go l-ghata ta' dan l-arlogg ma deher imkien u s-sigill l-ahmar tan-naha ta' fuq ta' dan l-arlogg huwa differenti minn dawk t-tnejn homor tan-naha ta' isfel kemm fil-kulur, fit-tails, fil-fins u fil-ponta tan-naha ta' isfel.
Illi fuq in-numri tar-Roller Counter tal-konsum t'elettriku tar-registru, deher brix u dan fit-tielet, r-raba u l-hames kolonna.
5. Illi ghalkemm l-espert tekniku kien tal-fehma li d-diretturi tas-socjeta Price Club Operators Limited kienu responsabbli mill-arloggi tad-dawl, huwa ma ndikax l-ammont ta' serq li effettivament insteraq pero sostna li kien hemm hsara fiz-zewg meters fl-ammont ta' tlett mitt lira maltin globalment.

**Sivlio Decelis xehed nhar d-dsatax ta' Lulju 2001 ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta** w ikkonferma li skond il-kalkoli approssimattivi mahruga minnu ghan-nom tal-Korporazzjoni fuq il-meter three phase [u dan ghaliex (vide fol 58) huwa jghid li l-meter single phase kien danneggjat b'mod vizibbli u dwaru ma kienx hemm kontestazzjoni peress li l-istimi li kienet harget il-Korporazzjoni Enemalta kienu thallsu u pendenzi dwar dak il-meter ma kienx hemm], kienu jammontaw ghal dsatax il-elf, tmienja w disghin lira tmienja w sittin centezmu u sitt millezmi u dan ghal perjodu ta' bejn l-hmistax ta' Settembru 1997 u l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2000.

Illi minn ezami tar-record of consumption esibit minn Silvio Decelis nhar d-dsatax ta' Lulju 2001 markat bhala dokument CSH 11, a fol 60 tal-atti odjerni, jirrizulta li bejn d-dsatax ta' Mejju 1997 u l-ghaxra ta' Ottubru 2000 kien hemm ghaxar readings fuqu.

Illi **Louis Scerri u Mario Cassar rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta xehdu nhar d-dsatax ta' Lulju 2001** fejn ikkonfermaw dak li effettivament irrelata dwaru l-espert tekniku Horace J. Anastasi dwar l-istat li nstabu fihom iz-zewg meters.

**Illi l-Prosekuzzjoni esibit wkoll d-dokument JA** li jinsab a fol 106 tal-atti odjerni u li huwa l-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta Price Club Operators Limited u jirrizulta li din is-socjeta giet registrata mal-Malta Financial Services Centre nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1998 u l-imputati odjerni gew nominati diretturi b'effett minn dik l-gurnata 'l quddiem.

**Fil-hamsa ta' Dicembru 2001, xehed l-Inginier John Tonna.** Pero bir-rispett kollu x-xhieda tieghu m'ghandhiex relevanza u dan ghaliex huwa in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta ghamel ezami fuq il-meter Schlumberger three phase, meta gia kien maqlugh minn postu. Huwa qal li fil-fatt ghalkemm kellu xi brix fuq t-template xorta kien qed jiffunzjona b'mod regolari.

**Mario Debono,** l-manager tal-Price Club Operators Limited **xehed nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001** u qal li huwa qatt ma kien jaf li kien hemm xi tbaghbis fil-meters tal-fond in kwistjoni. Spjiega li dawn iz-zewg meters kienu jinzammu go armarju imsakkar u c-cavetta ta' dan l-armarju kienet tigi mizmuma minnu u fin-nuqqas tieghu kienet tkun f'idejn Lino Pollacco.
Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata,

jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputati jkunu d-detenturi jew il-persuni li jkollhom f'idejhom l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputati li allura jkollhom jippruvaw huma li ma kienux jafu jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi t-tlett imputati rrilaxxjaw stqarrija b'mod voluntarju u skond l-ligi. L-imputati Christopher Gauci u Wallace Fino nhar t-tmienja ta' Marzu 2001, kif jirrizulta mid-dokument CSH 8 esibit a fol 17 u dokument CSH 10 a fol 21 tal-atti, filwaqt li l-imputat Victor Zammit nhar l-erbatax ta' Marzu 2001 kif jirrizulta mid-dokument CSH 9 esibit a fol 19 tal-atti processwali.

Illi **Christopher Gauci jghid** b'mod kategoriku li huwa sar jaf bl-allegat tbaghbis fil-meter tal-fond in desamina **biss** wara li saret spezzjoni mill-membri tal-Korporazzjoni Enemalta nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000 u dan ghaliex kien gie nfurmat b'hekk mill-istess socjeta li tiggestixxi dan il-fond. Mistoqsi jekk huwa qattx issuspetta jew innota xi irregolarita f'dawn l-arloggi tad-dawl u cubicle meter, l-imputat Christopher Gauci, a tempo vergine tal-investigazzjoni wiegeb li qatt ma kien ittawwal fejn kienu

qeghdin dawn l-arloggi u lanqas biss kien jaf fejn jinstabu. In oltre b'mod kategoriku u determinat, huwa nsista li ma kien jaf xejn b'dawn l-irregolaritajiet.

**Victor Zammit jghid** li huwa kien ilu direttur tas-socjeta Price Club Operators Limited minn April 1998 'l quddiem u li ghandu 50% tas-shares pero ma kienx involut fid-day to day operations tal-fond in desamina. Victor Zammit in oltre jghid li huwa qatt ma kien mar hdejn dawn il-meters u ma kienx jaf fejn jinstabu, u peress li Christopher Gauci kien il-managing director ta'dan il-fond huwa kien jhalli kollox f'idejh dwar tmexxija. Huwa sar jaf bl-Inkjesta Magisterjali biss minghand dan l-istess Christopher Gauci. Huwa jichad b'mod kategoriku li kien involut f'dan l-allegat tbaghbis u in oltre ddikjara li lanqas kien jaf minn setgha kien involut.

**Wallace Fino ikkonferma** li huwa ilu direttur tal-kumpanija Price Club Operators Limited minn April 1998 u sar jaf bl-allegat tbaghbis fil-meters tal-fond in desamina dakinhar tal-ispezzjoni tal-membri tal-Korporazzjoni minghand Christopher Gauci ghaliex huwa ma kienx presenti. L-ufficju tieghu kien f'B'Kara u hdejn l-arloggi in kwistjoni ma kienx mar u ma jaf xejn dwarhom.

Illi t-tlett imputati offrew d-deposizzjoni taghhom u b'mod ripettitiv u konsistenti hafna stqarrew li kemm kien ilhom jokkupaw il-karigi taghhom fis-socjeta in kwistjoni la huma personalment u lanqas xi hadd imqabbad minnhom u b'konoxxenza taghhom, ma kien baghbas f'dawn iz-zewg meters. Huma xehdu li l-meters kienu fl-istess stat li sabuhom meta hadu l-premises minghand is-sid ta' qabel u li minn numru kbir ta' l-ispezzjonijiet li saru minn diversi membri tal-Korporazzjoni Enemalta matul is-snin ta' bejn 1998 u 2000 hadd qatt ma gibdilhom l-attenzjoni ghal xi irregolaritajiet. Huma spjegaw li l-fond in kwistjoni kien jiehu hsiebu manager certu Mario Debono u assistant manager Alexander Curmi u fil-fatt Victor Zammit izid jghid li jiddubita jekk fil-fond dahalx aktar minn darbtejn f'hajjtu.

**Mario Debono meta xehed il-Qorti nhar il-hamsa ta' Dicembru 2001** kif jirrizulta a fol 205 tal-atti, kkonferma li kien jiehu hsieb l-andament u gestjoni diretta tal-fond u sahansitra anke qal li l-meters kienu maqfula f'armarju u c-cwievet kien jzommhom hu. B'hekk jirrizulta li l-imputati lanqas access ma gie ppruvat li kellhom ghal dawn il-meters u ghalhekk wisq inqas ma l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li kienu l-imputati li ghamlu dawn l-irregolaritajiet ta' serq ta' kurrent elettriku u hsara voluntarju fl-istess meters.

Il-Qorti l-ewwel nett tirrileva li l-imputati ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-fond meritu ta' din il-kawza sa qabel l-hamsa w ghoxrin ta' April 1998 meta saru diretturi tas-socjeta li kienet topera dan il-fond u ghalhekk semmai, r-responsabbilita taghhom tibda minn dakinhar 'l quddiem; pero kif mill-hamsa w ghoxrin ta' April 1998 sal-hamsa ta' Ottubru 2000 hadd mill-membri tal-Korporazzjoni Enemalta ma rrileva jew indika xi irregolaritajiet waqt xi spezzjoni, hija inkoncepibbli. Di piu, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxihiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi molto piu meta tqis ix-xhieda ta' Silvio Decelis li jghid li dwar il-meter single phase ma kienx hemm problemi u li l-pendenzi ta' bejn il-Korporazzjoni u dan il-meter kienu gew solvuti minghajr referenza ghal minn solvihom jew kif gew solvuti. Illi ghalhekk semmai il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha biss fuq il-meter tat-three phase.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261(a)(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 326 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-versjoni tal-imputati u m'ghandha l-ebda dubbju li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-istat ta' kif kienu nstabu l-meters mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta nhar il-hamsa ta' Ottubru 2000 u ghalhekk b'dak li qalu l-istess imputati kemm fl-istqarija taghhom kif wkoll viva voce l-Qorti, irnexxilhom jghelbu l-presunzjoni kontra taghhom fuq riferita bhala 'registered consumers' u ghalhekk qeghdha taccetta dak li huma qalu.

**Illi ghalhekk minhabba dawn r-ragunijiet, il-Qorti tara li l-imputazzjonijiet ma gewx sufficjentement ippruvati kontra l-imputati skond l-ligi, ma ssibhomx hatja taghhom u kwindi qed tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------